FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spett Christabelle Chetcuti)

Vs

Francis Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 160285m talli nhar l-04/07/2015 ghall-habta ta' 03.00 ta' filghodu gewwa l-Gharghur Band Club , sitwat fi Triq il-Wiesgha, Gharghur:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta haddiehor f'priklu car, ikkaguna hsara fil gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Rene Bezzina hekk kif iccertifikat Dr Louise Gatt MD Reg 2189;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat li kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' certu Rene Bezzina. Skond certifikat mediku esebit, il-ferita hi deskritta bhala wahda lacero-contusa fuq mohh l-imsemmi Bezzina, twila 2 centimetri u bzonn ta' tlett punti

Fl-istqarrija tieghu l-imputat kull ma jistqarr fir-rigward hu:

"Kont ma wiehed naqra twil jismu David..u iehor qasir ma nafx x'jismu [gewwa l-kazin tal-banda tal-Ghargur]…Filli qed inparla ma' dan ir-ragel twil li jismu David u li kont ilni naf, imbaghad kien hemm dan ir-ragel l-iehor naqra qasir u qisna konna ha nibdew niehdu b'idejn xulxin u f'daqqa wahda David hatafni minn wara billi dawwar idu ma dirghajja. Imbghad jien dak il-hin iddifendejt ruhi u ma nafx x'gara".

Illi l-allegat vittma u l-imsemmi David, it-tnejn, ghazlu li ma jixdux fil-proceduri.

Apparti minn dan hem mil-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017 fejn l-allegat vittma iddikjara li ma kien qed jippretendi xejn minghand l-imputat u fejn il-Qorti ikkonstatat 'icto occuli' li l-ebda marka ta' ferita ma kienet tidher ghajr ghal wahda minima hafna.

Jibqa pero' il-fatt illi xhieda dwar x'verament gara dak in-nhar ma wasslux ghall-prova li kien proprju l-imputat li ikkaguna xi ferita fuq dan Bezzina.

Inghad dan, tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat.